MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 458/2002/1

**Avviz Numru 458/02 AJD**
**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Andrew Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' elf, mitejn u hmistax il-lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1215.65) rapprezentanti danni kawzati lill-propjeta' tas-socjeta' attrici fi Triq it-Tlett Ibliet, Cospicua fis-7 ta' Settembru 2000.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tad-danni sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talbiet tas-scjeta’ attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut m’huwiex responsabbli ghad-danni kif imsemmija fl-Avviz prezentat mis-socjeta’ attrici. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ Silvio Decelis, Carmel Camilleri, PS299 Charles Mallia, PS1262 Spiridione Zammit u tal-konvenut Andrew Vella. Ha konjizzjoni tal-affidavit ta’ Pawlu Muscat, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra n-nota ta’ riferenzi prezentata mis-socjeta’ attrici.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut.

Ikkunsidra:

Illi d-danni reklamati mill-korporazzjoni attrici jirrigwardaw incident li sehh fis-7 ta’ Settembru 2000 meta waqt li kien qed isir xoghol ta’ thaffir minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill Lokali tal-Isla fi Triq Tlett Ibliet, l-Isla, ntlaqghat ‘high tension cable’ propjeta’ tal-Korporazzjoni attrici. Din tal-ahhar tallega li x-xoghlijiet kienu qeghdin isiru mill-konvenut Andrew Vella filwaqt li l-konvenut isostni li x-xoghlijiet  ma kienux qed jigu esegwiti minnu personalment izda kienu qed isiru mis-socjeta’ Silvar Construction and Servicies Limited li taghha huwa direttur. Huwa ghalhekk jirritjeni li m’huwiex il-legittimu kontradittur.

Mill-provi effettivament irrizulta li x-xoghlijiet kienu qeghdin isiru minn Silvar Construction and Services Limited. Is-Sindku ta’ dak iz-zmien, u cioe’ ta’ meta saru x-xoghlijiet, Pawlu Muscat, ikkonferma li l-Kunsill kien inkariga lil din is-socjeta’ sabiex tesegwixxi x-xoghlijiet. Inoltre mill-kopja tac-citazzjoni esebita a fol. 59 et seq. jidher li l-imsermmija socjeta’ ntavolat proceduri gudizzjarji kontra l-Kunsill

Lokali sabiex tithallas tax-xoghlijiet ta' thaffir fi Triq it-Tlett Ibliet, liema xoghlijiet jiffurmaw ukoll il-mertu tal-kawza odjerna u dan peress li hija baqghet ma thallsitx ghal dawn ix-xoghlijiet.

Il-korporazzjoni attrici issostni li hija qatt ma giet infurmata li dawn ix-xoghlijiet kienu qeghdin jiigu esegwiti minn socjeta' u mhux mill-konvenut personalment u f'dan ir-rigward taghmel rifeerenza ghal xi sentenzi tal-Qorti tal-Appell u tal-Qorti tal-Kummerc ( a fol. 71 et seq.) fejn gie ritenut li meta jsir negozju bejn zewg partijiet huwa normali li wiehed jipresumi li persuna tkun qed tinnegozja f'isimha sakemm din ma tindikax kjaraament mod iehor. Kif ben tajjeb irrileva l-konvenut fin-nota ta' sottomissjoniijiet minnu prezentata dawn i-sentenzai citati mill-korpporazzjoni attrici kollha kienu jirrigwardaw sitwazzjonijiet fejn kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejni-partijiet. Fil-kaz odjern min-naha l-ohra ma kien hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u l-azzjoni attrici hija bbazata fuq danni rizultanti minn tort jew 'culpa'. Il-principji enuncjati fis-sentenzi li ghalihom ghamlet riferenza l-korporazzjoni attrici ghalhekk ma japplikawx ghal kaz odjern. It-Tribunal jidhirlu li l-korporazzjoni attrici kellha tivverifika min effettivament kien qed jaghmel ix-xoghlijiet qabel ma ntavolat il-kawza, aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li fir-rapport tal-pulizija (a fol. 41 et seq.) hemm indikazzjoni, anki jekk id-dicitura m'hija xejn felici, li l-kuntrattur kienet socjeta' u li Andrew Vella ma kienx qed jesegwixxi x-xoghlijiet fil-kwalita' tieghu personali. IL-korporazzjoni attrici setghet facilment indgat mal-Kunsill Lokali tal-Isla sabiex tivverifika min effettivament kien il-kuntratttur inkarigat mix-xoghlijiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement jichad it-talbiet attrici fil-konfronti tieghu.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------